

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-19 ta' Marzu 2013 — in 't Veld vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-301/10) ⁽¹⁾

("Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti li jirrigwardaw l-abbozz tal-Ftehim Kummerċjali internazzjonali dwar il-Ġlied Kontra l-Falsifikazzjoni (ACAC-ACTA) — Dokumenti li jirrigwardaw in-neozjati — Rifjut ta' aċċess — Eċċeżżjoni marbuta mal-protezzjoni tal-interess pubbliku fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni")

(2013/C 129/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sophie in 't Veld (Brussel, il-Belġju) (rappreżentant: O. W. Brouwer u J. Blockx, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment C. Hermes u C. ten Dam, sussegwentement minn C. Hermes u F. Clotuche-Duvieusart, aġenti)

Suġġett

Inizjalment, talba għal annullament parpjali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni SG.E.3/HP/psi — Ares (2010) 234950, tal-4 ta' Mejju 2010, sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti nro 21 u 25 tal-lista annessa ma' din id-deċiżjoni kif ukoll għas-segħenti oskuramenti li saru f'dokumenti oħra ta' din il-lista:

Dispożittiv

(1) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2010, bir-referenza SG.E.3/HP/psi — Ares (2010) 234950, hija annullata sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għal dokumenti nro 21 u 25 tal-lista annessa ma' din id-deċiżjoni kif ukoll għas-segħenti oskuramenti li saru f'dokumenti oħra ta' din il-lista:

- dokument nro 45, fil-paġna 2, taħt it-titlu "Participants", it-tieni subparagrafu, l-ahħar sentenza;
 - dokument nro 47, fil-paġna 1, taħt it-titlu "Participants", it-tieni subparagrafu, l-ahħar sentenza;
 - dokument nro 47, fil-paġna 2, taħt it-titlu "1. Digital Environment (including Internet)", it-tieni subparagrafu, l-ahħar sentenza;
 - dokument nro 48, fil-paġna 2, is-subparagrafu taħt il-punt 4, tmiem tas-sentenza.
- (2) Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.

(3) Sophie in 't Veld għandha tħati nofs l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.

(4) Il-Kummissjoni għandha tħati nofs l-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' S. in 't Veld.

(1) ĠU C 260, 25.09.2010.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-19 ta' Marzu 2013 — Firma Van Parys vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-324/10) ⁽¹⁾

("Unjoni doganali — Importazzjoni ta' banana li ġejja mill-Ekwatur — Irkupru a posteriori ta' dazji fuq l-importazzjoni — Talba għal tnaqqis tad-dazji fuq l-importazzjoni — Artikolu 220(2)(b), u Artikolu 239 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Żball tal-awtoritatijiet doganali — Negliġenza manifesta tal-persuna kkonċernata")

(2013/C 129/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Firma Léon Van Parys (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment P. Vlaeminck u A. Hubert, sussegwentement P. Vlaeminck, R. Verbeke u J. Auwerx, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Keppenne u F. Wilman, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: J. C. Halleux u M. Jacobs, aġenti, assistiti minn P. Vander Schueren, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament parpjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 2858 finali, tas-6 ta' Mejju 2010, li tikkonstata li huwa ġustifikat li jsir teħid kont a posteriori tad-dazji fuq l-importazzjoni u li t-taqqis tad-dazji huwa ġġustifikat fir-rigward ta' debitur, iżda ma huwiex ġġustifikat fir-rigward ta' debitur ieħor f'każ partikolari.

Dispożittiv

(1) L-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 2858 finali, tas-6 ta' Mejju 2010, li tikkonstata li huwa ġustifikat li jsir teħid kont a posteriori tad-dazji fuq l-importazzjoni u li t-taqqis tad-dazji huwa ġġustifikat fir-rigward ta' debitur, iżda li ma huwiex ġġustifikat fir-rigward ta' debitur ieħor f'każ partikolari, huwa annullat.

(2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tħati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Firma Léon Van Parys NV.

(4) Ir-Renju tal-Belġju għandu jħalli jebek l-ispejjeż tiegħi.

⁽¹⁾ ĠU C 274, 09.10.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2013 —
Bottega Veneta International vs UASI (Forma ta' basket tan-nisa)

(Kawża T-409/10) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' basket tan-nisa — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta' karattru distintiv — Assenza ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' element kostitutiv tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni — Regola Nru 9 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95")

(2013/C 129/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Bottega Veneta International Sàrl (il-Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, M. Boletto u E. Gavuzzi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Mannucci, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1247/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali li jikkostisti fil-forma ta' basket tan-nisa bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Bottega Veneta International Sàrl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 06.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2013 —
Bottega Veneta International vs UASI (Forma ta' basket tan-nisa)

(Kawża T-410/10) ⁽¹⁾

("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Forma ta' basket tan-nisa — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Nuqqas ta' karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Artikolu 7(1)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' element li jikkostitwixxi t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni — Regola Nru 9 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95")

(2013/C 129/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Bottega Veneta International Sàrl (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: P. Roncaglia, G. Lazzeretti, M. Boletto, u E. Gavuzzi, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Mannucci, aġġent)

Suġġett

Rikors ippreżzentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Ġunju 2010 (Każ R 1539/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensjonali magħmul mill-forma ta' basket tan-nisa bħala trade mark Komunitarja.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Bottega Veneta International Sàrl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 06.11.2010.